**(vii) Analiżi ekonomika u riċerka**

Biex iwettaq l-obbligazzjonijiet nazzjonali u dawk internazzjonali tiegħu, il-Bank Ċentrali ta' Malta jikkumpila u jippubblika firxa ta' statistika ekonomika, finanzjarja u monetarja. Il-Bank jiġbor ukoll ċertu statistika direttament mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Din l-istatistika hija bżonnjuża għall-kontroll ekonomiku u tiġi wżata wkoll għall-analiżi ekonomika u għar-riċerka, kemm fil-Bank kif ukoll fl-Eurosistema.

Il-Bank jagħmel analiżi ekonomika w riċerka biex jgħin il-parteċipazzjoni tal-Gvernatur fil-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Il-Bank jippubblika l-analiżi tiegħu f'żewġ pubblikazzjonijiet ewlenin, jiġifieri r-Rivista ta' Kull Tliet Xhur u r-Rapport Annwali. Ir-Rivista ta' Kull Tliet Xhur fiha rapporti dwar l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, xi artikli fuq temi ekonomiċi u monetarji, u statistika ekonomika u finanzjarja. Ir-Rivista jkun fiha wkoll stqarrijiet tal-Gvernatur. Mill-banda l-oħra, ir-Rapport Annwali fih analiżi lokali u internazzjonali ta' l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji li seħħew matul is-sena ta' qabel. Jinkludi wkoll rapporti fuq il-ħidma tal-Bank matul is-sena ta' qabel kif ukoll fih ir-rapport finanzjarju annwali tal-Bank.

Barra minn hekk, il-Bank joħroġ stqarrija ta' l-istatistika monetarja ta' kull xahar. Mix-xahar ta' Jannar 2008, din tiffoka fuq il-kontribut ta' Malta fl-aggregati monetarji u l-kontropartijiet tagħhom lejn dawk taż-żona ta' l-euro.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta jagħmel ukoll stimi tal-fatturi makro-ekonomiċi ewlenin ta' l-ekonomija Maltija permezz ta' mudell ekonometriku u ta' strumenti oħra. Dawn l-istimi jintużaw ukoll mill-Eurosistema għall-istimi tagħha.

.